# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**Illum, 7 ta' Frar, 2001.**

**Kawza Nru. 40.**
**Citazz. Nru. 1994/00 JRM**

**A.I.C. Edward BENCINI**

**Vs**

**Winston V. ZAHRA ghal RADISSON BAY POINT RESORT**

## Il-Qorti,

Rat l-att tac-Citazzjoni tas-26 ta' Settembru, 2000, li bih l-attur ippremetta:

Illi l-konvenut nomine huwa debitur tal-attur nomine fl-ammonti segwenti:

(1) Lm4500 import ta' kambjala, Dok. A, li mmaturat fil-15 ta' Awissu 1998, bl-imghaxijiet ta' 8% fis-sena li sal-15 ta' Awissu 2000 jammontaw ghal Lm720;

(2) Lm2625 import ta’ kambjala, Dok. B, ukoll iffirmata u accettata mill-konvenut nomine li mmaturat fil-21 ta’ Frar, 1999; bl-imghaxijiet ta’ 8% fis-sena li sal-21 ta’ Awissu 2000 jammontaw ghal Lm315; u

(3) Lm2625 import ta’ kambjala, Dok. C, li mmaturat fil-21 ta’ Marzu 1999, li bl-imghax tat-8% fis-sena sal-21 ta’ Awissu 2000 jammontaw ghal Lm297.50,0;

Li b’kollox jammontaw ghal Lm11,082.50,0 (hdax-il elf, tnejn u tmenin lira maltija u hamsin centezmu);

Illi l-konvenut nomine baqa’ inadempjenti nonostante interpellazzjoni ufficjali tal-4 ta’ Awissu, 2000 debitament lilu notifikata;

Ghalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tikkundanna lill-konvenut nomine s-somma fuq imsemmija ta’ Lm11,082.50c0 (hdax-il elf u tnejn u tmenin lira maltija u hamsin centezmu) import ta’ tliet kambjali wahda ta’ Lm4500 u t-tnejn l-ohra ta’ Lm2625, accettati u ffirmati mill-istess konvenut nomine li mmaturaw fil-15 ta’ Awissu 1998, fil-21 ta’ Frar 1999 u fil-21 ta’ Marzu 1999 rispettivament, bl-imghaxijiet kif fuq intqal;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment, tal-ittra ufficjali tal-4 ta’ Awissu 2000, bl-imghaxijiet legali ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u l-lista tax-xiehda tal-istess attur, flimkien ma’ t-tliet (3) dokumenti hemm mehmuza;

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut tat-8 ta’ Novembru, 2000, li biha ecepixxa:

1. Illi l-ammont mitlub fic-citazzjoni mhux qed jigi kontestat anzi qed jigi ammess ghall-fini tal-ispejjez ta' din il-kawza;

2. Illi pero' l-esponent nomine gie notifikat b'mandat ta' sekwestru tat-2 ta' Novembru, 2000 fl-ismijiet "Bay Point Hotel Limited vs Arkitett u Inginier Civili Edward Bencini pro et noe" ghas-somma ta' hamsin elf lira (Lm50,000);

3. Illi peress li hu mhux qed jikkontesta l-ammont, izda mill-banda l-ohra ma jistax ihallas lill-attur in forza tas-sekwestru fuq imsemmi, l-esponent nomine ghadda biex iddepozita l-ammont mitlub mill-attur nomine fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex jibqa' hemm depozitat sakemm jigi deciz b'gudizzju definittiv minn ghandu dritt ghal din is-somma skond il-ligi. Ghalhekk kull sentenza f'din il-kawza m'ghandhiex tkun esegwibbli qabel l-ezitu finali tal-kawza fl-ismijiet inversi;

4. Ghalhekk il-mertu hu ezawrit u hu ghandu ihallas imghax biss sad-data tad-depozitu imsemmi u l-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom ikunu intaxxati bhala kawza ammessa;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u l-lista tax-xiehda tal-konvenut, flimkien mat-tliet (3) dokumenti mehmzin maghha;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-Degreit taghha tal-25 ta' Jannar, 2001, li bih halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza;

## *Ikkunsidrat:*

Illi, kif jidher mill-istess Nota tal-Eccezzjonijiet, il-konvenut, fil-kwalita' tieghu premessa, jammetti l-ammont mitlub mill-attur u

jistqarr li huwa debitur tieghu dwar l-import tat-tliet (3) kambjali mertu tal-kawza. Fil-fatt, il-mertu tal-istess kawza mhux kontestat;

Minhabba f'hekk, il-konvenut jghid li t-talba tal-attur ghall-ispejjez tal-kawza kontra l-konvenut ghandha titqies fuq il-basi ta' ammissjoni, u li, fi kwlankwe kaz, is-sentenza ma tistax tigi esegwita qabel ma tintemm kawza li nbdiet mis-Socjeta' Bay Point Hotel Limited kontra l-attur u li qeghda tigi trattata quddiem din il-Qorti [Citazz. Nru. 2028/00];

Illi, madankollu, il-kwestjoni hadet xejra partikolari minhabba l-fatt li l-konvenut, ghalkemm jistqarr lilu nnifsu debitur, ghadda biex jiddeposita permezz ta' Cedota taht l-awtorita' ta' din il-Qorti fis-6 ta' Novembru, 2000, l-ammont mitlub f'din ic-Citazzjoni, minhabba li, b'Mandat ta' Sekwestru mahrug fit-tnejn (2) ta' Novembru, 2000 [Mandat numru 3864/00], huwa gie intimat bhala sekwestratarju biex izomm ghandu hwejjeg jew flus tad-debitur (l-attur fil-kawza presenti). Il-Mandat imsemmi nhareg mis-Socjeta' Baypoint Hotel Limited kontra l-Perit Edward Bencini f'ismu proprju u ghal Edward Bencini & Associates, u l-kawzali tirrappresenta d-danni pretizi minn dik il-kumpanija kontra l-istess arkitett Edward Bencini fil-kwalita' msemmija kif dedotti fic-Citazzjoni numru 2028/00 fuq imsemmija;

Illi, l-Qorti thoss li ghandhom jigu rilevati certi fatti ghall-ahjar istruzzjoni tal-kwestjoni: (a) it-tliet (3) kambjali mertu tal-kaz, inhargu wahda fis-sitta (6) t'Awissu, 1997, u tnejn fil-hamsa (5) t'Awissu, 1998, rispettivament u pagabbli fil-hmistax (15) t'Awissu, 1998, fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Frar, 1999, u fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu, 1999, u gew accettati f'isem Radisson Bay Point Resort; (b) l-attur ressaq din il-kawza fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru, 2000, kontra Winston V. Zahra ghal Radisson Bay Point Resort; (c) il-konvenut nomine gie notifikat bl-Att tac-Citazzjoni u bl-Avviz tas-Smiegh tal-kawza fil-hamsa u ghoxrin (25) t'Ottubru, 2000 (ara pag. 9 u 10 tal-process); (d) il-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 3864/00 inhareg fit-tnejn (2) ta' Novembru, 2000 (pagna 15 tal-process) u nhalef minn Winston Zahra, il-konvenut f'din il-kawza; (e) iz-zewg

sekwestratarji f'dak il-Mandat huma r-Registratur tal-Qrati u l-konvenut f'din il-kawza; (f) il-konvenut f'din il-kawza ppresenta c-Cedota ta' Depositu (Numru 1163/00) fis-sitta (6) ta' Novembru, 2000 (pagna 14 tal-process); u (g) il-konvenut f'din il-kawza ressaq l-eccezzjonijiet tieghu fit-tmienja (8) ta' Novembru, 2000 (pagni 11 u 12 tal-process);

## *Ikkunsidrat:*

Illi, miz-zewg kontestazzjonijiet li qieghed iressaq il-konvenut - jigifieri li l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu meqjusa fuq il-basi tal-ammissjoni tieghu, u li s-sentenza m'ghandhiex tigi moghtija esekutivita' qabel ma tintemm il-kawza l-ohra - il-Qorti tifhem li l-akbar kwestjoni bejn il-partijiet tinsab fit-tieni kontestazzjoni;

Illi, waqt it-trattazzjoni tieghu, il-konsulent legali tal-attur issottometta li l-partijiet f'din il-kawza u fl-ohra imsemmija m'humiex l-istess u ghalhekk il-kwestjoni presenti m'ghandhiex tigi mwahhda mal-ohra. Hu zied jghid li dak li gara lill-konvenut nomine sehh b'ghamilu stess u m'ghandux b'hekk jislet l-ebda vantagg jew beneficcju a skapitu tal-attur;

Illi, min-naha l-ohra, il-konsulent legali tal-konvenut issottomettta li, ghalkemm jistqarr id-debitu, ma setax ihallas ghaliex, minhabba l-Mandat ta' Sekwestru, kellu ordni minn Qorti biex ma jitlaqx flus minn idejh, u li huwa ghadda ghad-depositu biex jehles lilu nnifsu mill-obbligu tal-hlas ta' imghaxijiet ulterjuri fuq is-somma mistqarra u biex l-ammont depositat ikun jista' jigi ritirat minn min jisthoqqlu wara li tintemm il-kwestjoni li dwarha nhareg l-istess Mandat. Minhabba f'hekk, bilfors li s-sentenza f'din il-kawza ma tkunx tista' tigi esegwita qabel ma tinhall il-kwestjoni fil-kawza l-ohra;

Illi l-ligi tqis, fost it-titoli esekuttivi, is-sentenzi moghtijin minn dawn il-Qrati [art. 253(a) tal-Kap 12], u tissokta tghid li, f'kaz ta' sentenza definittiva li ma jkunx fiha kundizzjoni sospensiva, tkun esegwibbli wara jumejn minn dak inhar li tinghata, jekk, fost l-ohrajn, tikkundanna lid-debitur ghall-hlas ta' somma likwida [art.

256(1)]. Hija fis-setgha tal-Qorti li fis-sentenza nnifisha, u minhabba ragunijiet li ma jridux dewmien, tordna li ssir l-esekuzzjoni qabel iz-zmien imsemmi [art. 257];

Illi, ghalhekk, mil-ligi stess johrog li jista' jkun hemm cirkostanzi fejn sentenza jkollha kundizzjoni sospensiva, fis-sens li l-ewwel tkun trid tigri grajja msemmija fl-istess sentenza qabel ma din tista' tigi esegwita;

Illi din il-Qorti trid tara jekk f'dan il-kaz partikolari jesistux l-elementi mehtiega sabiex, ghalkemm il-konvenut stqarr li huwa debitur tal-ammont mitlub mill-attur, l-esekuzzjoni tas-sentenza moghtija fuq tali ammissjoni ghandhiex tkun kundizzjonata fis-sens li tintrabat mal-esitu tal-kawza l-ohra li ghaliha rrefera l-konvenut;

Il-Qorti qieset li l-kawza presenti hija wahda dwar kambjali. Din, kif inhu maghruf, tirrappresenta talba dwar kreditu dovut bis-sahha ta' dak l-istrument awtonomu li johloq obbligazzjoni miftuma minn kull obbligazzjoni ohra li, a basi tieghu, tkun inharget u giet accetata dik il-kambjala. F'din il-kawza, ma saritx lanqas talba rikonvenzjonali. Li ghandha quddiemha din il-Qorti, minn kif jidher fl-atti ta' din il-kawza u minbarra t-talba skjetta ghall-hlas u l-istqarrija tal-konvenut li l-ammont mitlub huwa dovut, hija pretensjoni ghal danni maghmula mnn terza pesuna kontra l- istess konvenut nomine, u dedotti f''kawza separata. Il-konvenut, fil-kwalita' tieghu f'din il-kawza, m'huwiex la l-attur fil-kawza l-ohra msemmija u lanqas konvenut, u, safejn kien jinkombi fuqu strettament fil-ligi, meta gie notifikat bl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru, ghadda ghad-depositu tal-ammont li huwa mitlub minnu f'din il-kawza biex jesimi ruhu mill-obbligi (kif jghid hu stess fic-Cedota) li jhallas imghaxijiet ulterjuri;

Il-Qorti qeghda zzomm il-fehma li bejn il-konvenut presenti fil-kwalita' tieghu premessa u s-Socjeta' attrici fil-kawza l-ohra (li hija wkoll l-kreditur esekutant tal-Mandat ta' Sekwestru mahrug kontra l-attur *nomine* f'din il-kawza) hemm distinzjoni ta' personalita' guridika, u qeghda tqishom bhala tali strettament, ghaliex, kieku ma kienx hekk, wiehed jista' jinghata x'jifhem li

dak li sar kien imfassal biex ixejjen il-jeddijiet tal-attur nomine f'din il kawza;

Illi, minbarra dan, ma gie bl-ebda mod muri jew suggerit li, qabel inhareg il-Mandat, il-konvenut offra lill-attur il-hlas tal-ammont li hu qed jistqarr li huwa dovut. Filwaqt li, wara l-hrug tal-imsemmi Mandat, lanqas jidher li saritlu talba jew sejha ghad-depositu mill-kreditur esekutant tal-Mandat biex jghaddi ghad-depositu tal-hwejjeg jew flus tas-sekwestrat (l-attur fil-kawza presenti) taht l-awtorita' tal-Qorti;

Fi kwalunkwe kaz, il-Qorti thoss li l-istqarrija tal-konvenut tal-ammont dovut lill-attur *nomine* hija indipendenti mill-att tad-depositu nnifsu effettwat mill-konvenut minhabba l-ordni maghmula fil-Mandat ta' sekwestru. Filwaqt li, min-naha l-ohra. id-depositu ma jista' bl-ebda mod jitqies bhala t-twettieq tal-obbligazzjoni tal-konvenut lejn l-attur u dan fid-dawl ta' dak li tipprovdi l-ligi fl-artikoli 1173 u 1174(1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi, ghalhekk, wara li qieset dawn ic-cirkostanzi kollha, u kkunsidrat li l-konvenut presenti m'huwiex parti fil-kawza l-ohra u ghalhekk, kwalunkwe decizjoni li tista' tittiehed f'dik il-kawza, m'hijiex sejra tibdel il-fatt li huwa debitur tal-attur *nomine* dwar il-kreditu mitlub f'din il-kawza, din il-Qorti ssib li m'hemmx ragunijiet tajbin bizzejjed biex tiddeciedi li s-sentenza taghha tkun moghtija taht kundizzjoni dwar l-esekuzzjoni taghha;

Ghal dak li jirrigwarda s-sottomissjoni l-ohra tal-konvenut, dwar kif ghandhom jigu ntaxxati l-ispejjez, m'ghandu jkun hemm l-ebda diffikulta' li din tintlaqa' anke ghaliex l-attur *nomine* ma ressaq l-ebda oggezzjoni partikolari ghal dan il-fatt. Huwa fatt li l-konvenut stqarr it-talba, u bhala tali din il-Qorti ghandha tqis id-determinazzjoni tal-kwestjoni tal-ispejjez tal-kawza;

Ghalhekk, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda tiddeciedi l-kawza billi:

*7 ta' Frar, 2001.*

**Tilqa' t-talba attrici** fuq ammissjoni tal-konvenut u tikkundanna lill-konvenut, fil-kwalita' tieghu premessa, ihallas lill-attur is-somma ta' hdax-il elf u tnejn u tmenin lira maltija u hamsin centezmu (Lm11,082.50) import ta' tliet kambjali accettati minnu u maturati;

**Tichad it-tielet eccezzjoni tal-konvenut** kwantu talbet li din is-sentenza ma tkunx esegwibbli qabel tintemm il-kawza l-ohra; u

**Tichad ir-raba' eccezzjoni** kwantu tirreferi ghaz-zmien li ghandu jibqa' ghaddej dwar l-imghax dovut fuq l-imsemmija kambjali, u tilqaghha fil-bqija;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut *nomine.*

**Moqrija**

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF, LL.D.
**7 ta' Frar, 2001.**

**Charles Falzon,**
**Deputat Registratur**
**7 ta' Frar, 2001.**

*7 ta' Frar, 2001.*